**Art. 208 L-Orizzont**

**Lorna Vassallo**

**Data tal-Publikazzjoni: 14 ta'Mejju 2004**

**Imsieken!!**

Din il-gimgha assistejna ghal battalja harxa legali bejn l-Alternattiva Demokratika u l-Partit Nazzjonalista li ma serviette xejn hlief biex tkompli turi kif l-Alternattiva Demokratika, bhala partit, qieghda tigi wzata u abbuzata mill-Partit Nazzjonalista ghall-ghanijiet politici tieghu sabiex imbaghad kull darba tintefa' ghal rihha u l-ebda qbil bejnha u bejn il-Partit Nazzjonalista ma jigi onorat.

Il-Partit Nazzjonalista matul iz-zminijiet zviluppa modi elaborati ta' kif jidhak bin-nies. Dan huwa ovvju billi kieku mhux hekk ma kienx jiehu l-Gvern! Izda msieken huma l-Alternattiva Demokratika li hasbu li xi darba l-lupu jbiddel sufu qabel l-ahhar elezzjoni. Ghalija l-esperjenza kienet klassika!

Li twieghed partit politiku zghir u tiftiehem mieghu li se tghinu – jaghmillek kampanja shiha bieb bieb jghidilhom jivvotawlek it-tieni imbaghad lejliet l-elezzjoni johrog il-mexxej tal-partit politiku l-kbir u jghid lin-nies biex ma jivvotawlekx – zgur li tiddefinix lill-Alternattiva Demokratika msieken.

Hija glieda bejn bullterrier u Chihuahua!

U din il-glieda qieghda tkompli issa. Ghal darb'ohra jkun il-Partit Nazzjonalista li jattakka lill-partit iz-zghir. Il-Partit Laburista jhallih jghix fil-paci. Izda l-Partit Nazzjonalista jrid bilfors juri l-forza tieghu kontra tieghu.

U tibda f'pajjizna l-kwistjoni ta' l-abbort. Segwejt ix-xandira ta' l-ahbar fuq NET News ta' dan l-avveniment. U veru ! L-ahbar ixxandret bla ma ntqal x'kienu l-akkuzi ta' l-Altenattiva Demokratika ! Inkredibbli kif tista' xxandar ahbarijiet hekk konfuzi u li ma jfissru xejn. Kull ma xxandret kienet ir-risposta tal-Partit Nazzjonalista ! Pero' interessanti huwa l-fatt li waqt li l-Partit Nazzjonalista qed jakkuza lill-Alternattiva li hija favur id-divorzju, l-ahbar l-ohra hi membri ta' l-EPP fil-Parlament Ewropew – li minnu se jifforma parti Membri Parlamentari Maltin Nazzjonalisti – qeghdin iniedu kampanja shiha favur l-abort.

Personalment nahseb li bi shubija shiha fl-Unjoni Ewropea, garanziji li xeba' jaghti Gvern Nazzjonalista ( li jigifieri m'huma garanziji xejn !) , li f'Malta mhux se jidhol id-divorzju, l-abort, ecc, ecc ma jdumux ma kollha jsiru legalizzati u mposti fuqna.

Sfortunatament certi affarijiet li tkellem dwarhom min kellu saqajh aktar ma' l-art dwar l-Unjoni diga' qeghdin isehhu.

Per ezempju, din il-gimgha giet thabbat id-dar taghna tfajla barranija, sabiex tbiegh cpiepet u gizirajjen ! Kemm kien ilna ma naraw affarijiet bhal dawn f'pajjizna ? It-tallaba ! Jew inkella kemm kien ilna ma naraw 'buskers' il-Belt Valletta. Kollox kien inqata' bi tmexxija Laburista. U kollox rega' beda bi tmexxija Nazzjonalista.

Din is-sena hija l-2004. Nipprevedi li ma ndumux aktar minn hames snin li nidraw inharsu lejn in-nies reqdin 'l hemm u 'l hawn fit-toroq bla ma nkellmuhom bhal ma jigri f'pajjizi kbar Ewropej. U fost dawn il-'homeless' naraw ukoll Maltin bhalna. U xi haga li forsi hija wkoll aghar mill-homeless huma zghazagh jinjettaw id-droga fil-pubbliku.

Huma dawn l-affarijiet li jikkaratterizzaw bliet Ewropej. Probabbilment din it-tragedja urbana xtrajniha wkoll malpakkett ta' l-Unjoni. U flimkien maga xtrajna l-legalizzar tat-tkissir tal-familji, tal-

qtil ta' l-innocenti fil-guf ta' l-omm u ta' elf haga ohra kontroversjali li bhala Kattolici Nsara u aktar minna c-cittadini l-Gvern Nazzjonalista – b'weghdiet Insara li suppost imexxuh – suppost li ghamilna minn kollox biex inbeghduhom minn xtutna.

Pero', sfortunatament ukoll, il-Knisja m'hijiex mohhha f'dawn ir-realtijiet. Mohhha biss f'xi membri tal-kleru – mhux li jiehdu sehem fil-politika (ghax dawk – bhal Fr Peter Serracino Inglott – mhux problema), izda f'xi membri tal-kleru li jghinu b'xi mod lill-Partit Laburista.

Sal-lum il-Knisja ghadha trid tindahal fil-politika u fil-fehma tieghi hi stess ghal darb'ohra se tkun li tghin biex il-valur Kristjani jonqsu f'pajjizna billi tappoggja, diretament jew indirettament, partit, li ghalkemm suppost il-valur Kristjani jifformaw parti mill-istatut tieghu, jaghmel dejjem il-kontra ta' dak li jghid.

Il-poplu Malta, l-Alternattiva Demokratika u l-Knisja Kattolika f'Malta ghandhom haga wahda komuni …. li kollha qeghdin ikunu suggetti ghal zufjett mill-Partit Nazzjonalista!